# SSAR innovazzjoni fil-Ħames Sena Primarja

## Xi tfisser SSAR?



**Tony Pace**
**Uffiċjal Edukattiv tal-Primarja**

Tfisser *Social Studies Assessment Reorganization.* Hija innovazzjoni, jiġifieri xi ħaġa ġdida li se tiddaħħal mis-sena skolastika 2013-14 fil-Ħames Sena Primarja. Il-ħsieb huwa li, wara li ssir evalwazzjoni tal-SSAR matul is-sena skolastika li ġejja, l-idea tinfirex ukoll għar-Raba' u l-Ħames Sena tal-Primarja iktar 'il quddiem.

Permezz tal-SSAR, id-Dipartiment tal-Kurrikulu (CMeLD) qiegħed jindirizza numru ta' bżonnijiet li jinħassu fit-tagħlim tal-Istudji Soċjali fil-klassijiet tal-Primarja. Insemmu xi ftit minn dawn il-ħtiġijiet:

- il-bżonn li jitnaqqas il-kontenut li jiġi mgħallem fil-lezzjonijiet tal-Istudji Soċjali (ma ninsewx li fil-Primarja, l-Istudji Soċjali jinkludi Miri ta' Tagħlim fiċ-Ċivika, fil-Ġografija u fl-Istorja);
- il-bżonn li l-Istudji Soċjali joħroġ dejjem iktar 'il barra mill-erba' ħitan tal-klassi u jsir iktar kuntatt mal-ambjenti varji li jdawruna;
- il-bżonn li tingħata iktar valur lir-riċerka li jistgħu jagħmlu l-istudenti nfusom u li minnha, huma jistgħu jitgħallmu immens; b'riċerka hawnhekk qed nifhmu intervisti, ġbir ta' artikli relevanti, tiftix permezz tal-Internet, analiżi u tqabbil ta' stampi eċċ;
- fir-ritratt ta' fuq jidhru tfal tal-Ħames Sena waqt *fieldwork* fil-Birgu; permezz tal-SSAR il-ħarġiet edukattivi qed jiġu organizzati b'mod li jħallu dejjem iktar frott;
- il-bżonn li l-istudenti jaqsmu r-riżultati tar-riċerka tagħhom ma' sħabhom billi waqt il-lezzjonijiet tal-Istudji Soċjali jingħataw iċ-ċans li jitkellmu quddiem sħabhom dwar il-konklużjonijiet li jkunu waslu għalihom fir-riċerka tagħhom.

## SSAR – fil-qosor

- Is-sillabu tal-Ħames Sena mhux se jinbidel;
- L-SSAR se jidħol fil-Ħames Sena Primarja minn Settembru 2013;
- L-Eżami bil-kitba ta' Nofs is-Sena (Frar 2014) ikun minn massimu ta' 80 marka u jkun ibbażat fuq 13-il Mira ta' tagħlim *Elective* biss;
- Sal-aħħar ta' Jannar 2014 se jsir *fieldwork* l-Imdina, il-Birgu jew iċ-Ċittadella; dan jiġi assessjat minn massimu ta' 20 marka u l-marka tidher bħala parti mir-riżultat ta' Nofs is-Sena;
- L-Eżami bil-kitba tal-Annwal (Ġunju 2014) ikun minn massimu ta' 80 marka u jkun ibbażat fuq l-20 Mira ta' tagħlim *Core* biss;
- Isir Proġett wieħed minn kull student/a; jiġi assessjat minn massimu ta' 20 marka u l-marka tidher bħala parti mir-riżultat tal-Annwal.

**FUQ KOLLOX HEMM BŻONN LI L-ISTUDJI SOĊJALI JINGĦATA DIMENSJONI ĠDIDA.**

**L-SSAR qed jagħtina l-opportunità li dawn il-bżonnijiet kollha nindirizzawhom.**

**Għal iktar tagħrif dwar l-SSAR idħol fil-blog: http://primarysocialstudies.skola.edu.mt**